MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 7/2010

**Salvatore Borg magħruf ukoll bħala Salvatore D'Anastasi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku; Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentata fit-2 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

Illi l-esponent twieled fil-21 ta' Awissu 1933 u fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie ndikat *'missier mhux magħruf'* (Dok. A).

Illi permezz ta' att ta' rikonoxximent fl-atti tan-Nutar Marius Said tas-7 ta' Novembru 1960 Salvatore D'Anastasi bin il-mejjet Joseph u l-mejta Ċarmela nee' Portelli għaraf lill-esponenti bħala l-wild naturali tiegħu, frott tar-relazzjoni li kellu ma' Antonia Borg. (Dok. B)

Illi b'konsegwenza ta' dan l-istat mogħti lill-esponent, anke ċ-ċertifikat taż-żwieġ li jġib in-numru progressiv 1100/1954 ġie għal darb' oħra indikat bħala *'father unknown'* u kunjomu Borg.

Illi meta l-esponent preżenta rikors fil-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Notarili biex jikkoreġi l-iżbalji li kien hemm fl-att taż-żwieġ tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrileva illi l-bdil tal-kunjom tal-esponent ma jistax iseħħ peress li missieru rrikonoxxih qabel l-1 ta' Jannar 1966 u għalhekk kunjomu għandu jibqa' ta' Borg, u ċjoe' kunjom ommu xebba. (ara Dok. C)

Illi jidher ċar li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku oppona għal dik il-korrezzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li fost oħrajn jgħid:

(1) Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid il-kunjom tal-omm, diversament, jieħu l-kunjom xbubit l-omm: Iżda meta tifel imwieled barra miż-żwieġ ikun ġie rikonoxxut mill-missier u mill-omm flimkien fuq l-att tat-twelid, il-kunjom li bih dak it-tifel għandu jkun magħruf għandu jkun determinat skond l-artikolu 292A.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw –

(a) għal dawk il-persuni li jkunu magħrufa jew twieldu fl-1 ta' Jannar, 1966, jew wara;

u

(b) dwar it-teħid tal-kunjom tal-missier, għal dawk il-persuni, magħrufa mill-missier qabel l-1 ta' Jannar, 1966,

li jiġu dikjarati mill-Qorti li kienu dejjem iġibu l-kunjom tal-missier: Iżda din id-dikjarazzjoni tista' tingħata biss f'kawża, miġjuba permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-Qorti kompetenti, kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (għal liema kawża jkunu japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 254 u 255) u l-Qorti li tagħmel din id-dikjarazzjoni għandha tordna li tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota fil-marġini tar-reġistrazzjoni relattiva fir-reġistru tal-atti tat-twelid.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni ta' paternità b'sentenza tal-Qorti għandu jkollha l-istess effett bħal tagħrif.

*... omissis ...*

Di fatti t-talba tal-esponenti ġiet miċħuda a bażi li l-Qorti ma kellhiex kompetenza.

Illi l-artikoli tal-liġi eżistenti kjarament jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent in kwantu jiddiskriminaw bejn rikonoxximent li jkun sar wara l-1 ta' Jannar 1966 u dawk magħmula qabel din id-data, fis-sens li bħal fil-każ tal-esponent, irid jagħmel kawża ta' paternita', *ciononostante* r-rikonoxximent fuq imsemmi, mentri dawk li ġew rikonoxxuti wara din id-data awtomatikament mingħajr ħtieġa ta' proċeduri oħrajn jieħdu l-isem tal-missier naturali bl-għażla li jiġi aġġunt miegħu dak tal-omm.

Illi din il-liġi qiegħda tilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponent in kwantu protetti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu dan jammonta għal trattament inuman jew degradanti u kif ukoll tal-Artikolu 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem in kwantu l-istess liġi tiddiskrimina bejn dawk il-persuni li twieldu qabel id-data fuq imsemmija u wara dik id-data, liema diskrimazzjoni hija prinċipalment motivata mill-istat tat-twelid ta' dik il-persuna.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-esponent qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-Artikolu 92 tal-

Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sa fejn jirreferi għas-sitwazzjoni tal-esponent li twieled qabel l-1 ta' Jannar 1966 minn missier mhux magħruf, jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponent kif protetti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 3 u 4 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u jitlobha li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni għall-ħarsien tad-drittjiet fundamentali msemmija, inkluż iżda mhux biss li jsiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji mill-intimati jew min minnhom sabiex l-atti kollha tal-esponent kemm dawk taż-żwieġ kif ukoll tat-twelid, jirriflettu l-istat veru tal-esponent u dan billi jibda jġib il-kunjom ta' missieru naturali D'Anastasi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fit-3 ta' Marzu 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari in kwantu l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, il-lanjanzi huma irriċevibbli *stante* illi dak li fis-sustanza qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa illi fis-sena 1960 meta r-rikorrent ġie rikonoxxut mill-missier naturali tiegħu, l-emendi għall-Kodiċi Ċivili kienu għadhom ma sarux peress li ġew abbozzati fis-sena 1965, allura r-rikorrent ma nbidillux kunjomu minn dak matern għal dak patern. Illi għalhekk peress illi dawn iż-żewġ fatti t-tnejn ġraw qabel April 1987, il-kawża bażata fuq il-Kap 319 hija insostenibbli;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-esponenti intimati jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma seħħ l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrent billi dan jottempora ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 92 (2) (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li bħala persuna li ġie rikonoxxut mill-missier naturali qabel ma daħlet il-liġi fis-seħħ għandu rimedju li jintavola kawża quddiem il-Qorti

Civili, Prim' Awla sabiex l-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5807 tas-sena 1933 kif ukoll l-Att taż-żwieġ tiegħu li għandu n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1100 tas-sena 1954 jiġu korretti, kif għamlu persuni oħra f'ċirkostanzi analogi.

3. Illi l-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti:

(i) Illi jirriżulta mid-dettalji fuq l-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5807 tas-sena 1933, li taħt il-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier hemm indikat *'padre ignoto'*, filwaqt li taħt il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm hemm indikat *'Antonia Borg nubile'* u li d-data tat-twelid tar-rikorrent hija l-21 ta' Awissu 1933 (mhux kif ġie erronjament indikat fir-rikors in risposta);

(ii) Illi jirriżulta mid-dettalji fuq l-Att taż-żwieġ tar-rikorrent li għandu n-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1100 tas-sena 1954 li huwa żżewweġ lil Carmelina Azzopardi fil-25 ta' Lulju 1954;

(iii) Illi sussegwentement il-missier naturali Salvatore D'Anastasi għamel Att ta' Rikonoxximent li hu ppubblikat fl-Atti tan-Nutar Marius Said fis-7 ta' Novembru 1960;

(iv) Illi fid-29 ta' April 1999 ir-rikorrent għamel talba quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Notarili fejn talab li jiġu korretti d-dettalji fuq l-Att taż-żwieġ tiegħu li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1100 tas-sena 1954 u l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-istess talba *stante* nuqqas ta' kompetenza peress illi din it-talba jmissha ġiet intavolata quddiem il-Qorti kompetenti u ċjoe' quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla.

4. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jirrilevaw li ċ-ċirkostanzi dedotti fir-rikors ma jippreżentaw l-ebda apparenza ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti jew b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent;

5. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jissottomettu li m'hu xejn ċar minn fejn allegatament jirriżulta l-ksur tad-dritt fundamentali ta' trattament inuman jew degradanti jew diskriminatorju mill-fatt li r-rikorrent għandu rimedju, *del resto* bhal kull persuna oħra f'cirkostanzi analogi, stipulat fl-Artikolu 92 (2) (b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta peress li persuni li ġew rikonoxxuti qabel ma daħlet il-liġi fis-seħħ għandhom ir-rimedju ordinarju li jintavolaw kawża quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla sabiex jikkoreġu l-Atti tal-Istatus Ċivili tagħhom li ġew reġistrati qabel ma' l-liġi daħlet *in vigore*;

6. illi fit-tielet lok, in kwantu għall-allegazzjoni dwar il-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u ċjoe' id-dritt protett li wieħed ma jkunx assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti, huwa ċar illi l-fatt li r-rikorrent kien obbligat bil-liġi illi jġib il-kunjom ta' ommu u mhux tal-missier naturali tiegħu sakemm il-liġi pprovdiet rimedju ma jikkostitwiex att ta' tortura jew ta' trattament inuman jew degradanti speċjalment meta l-użu ta' dak il-kunjom kien in konformita' mal-liġi ta' dak iż-żmien.

7. Illi fir-raba' lok, illi in kwantu għall-allegazzjoni illi l-użu tal-kunjom tal-omm kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, għandu jiġi rilevat illi kien mill-iżjed raġonevoli li l-Att tas-sena 1965 li emenda l-Kodiċi Ċivili kien biss prospettiv u mhux retroattiv, speċjalment in vista tal-fatt illi l-bdil ta' kunjomijiet ta' persuni li setgħu kienu maġġorenni (bħal fil-każ odjern), iġib diżgwid u nċertezza fis-sistema tar-riċerki kif ukoll fil-ħajja tal-individwu li jkun dejjem magħruf fis-soċjeta' b'ċertu kunjom.

8. Illi għalhekk huwa ċar li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 3 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tar-rikorrent fil-każ odejrna.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat Direttur Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti proċesswali;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 2010 illi permezz tiegħu r-rikors tħallas għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati hija fis-sens illi il-Konvenzjoni Ewropeja mhijiex applikabbli għall-każ odjern peress li l-fatti lamentati mir-rikorrenti ġraw qabel it-30 ta' April 1987. L-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 jgħid infatti illi:

*"Ebda ksur tal-artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni ... li jsir qabel it-30 ta' April 1987 ... ma għandu jagħti lok għal azzjoni taħt l-artikolu 4."*

Huwa ċar għall-Qorti li din l-eċċezzjoni hija ġustifikata; ir-rikorrenti qed jibbaża t-talba tiegħu fuq fatt li ġraw fl-1960 meta huwa ġie rikonoxxut minn missieru u l-1965 meta ġiet *in vigore* l-liġi illi minnha qed jilmenta. Għalhekk il-Qorti se tirresrtinġi ruħha għal-lanjanzi tar-rikorrenti a bażi tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, ossija dak li jipproteġi liċ-ċittadin minn trattament inuman jew degradanti.

Il-Qorti qabel xejn tagħmel osservazzjoni li għaliha għamel riferenza l-intimat fir-risposta tiegħu, u ċjoe' li huwa stramb li r-rikorrenti biex jevita li jagħmel kawża għax jgħid li dan hu inuman u degradanti, qiegħed xorta waħda jadixxi l-Qorti b'kawża oħra. Huwa veru li kif argumenta l-abbli difensur tar-rikorrenti fit-trattazzjoni tiegħu, sentenza favorevoli fil-kawża odjerna taġevola lil kull min hu fil-

pożizzjoni tar-rikorrenti u allura għandha portata ħafna akbar. Madankollu l-istess Kostituzzjoni fil-*proviso* għas-sub-inċiż 2 tal-Artikolu 46 tindika li jekk jista' jkun, dawn il-proċeduri għandhom jiġu utilizzati meta ma jkunx hemm azzjonijiet oħra adekwati disponibbli għar-rikorrenti.

Il-*proviso* msemmi jgħid eżattament hekk: *"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra."* (46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta).

Din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponidbbli għar-rikorrenti biex ikoll rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti ikkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*c. Kull każ għandu l-fattispecje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-*

*possibli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li *"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."* F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma *"komplessa"* jiżdied il-kliem *"jew inkella imħallta".*

Issa fil-każ in eżami ir-rikorrenti qed jallega li l-fatt li l-liġi kif inhi ġġiegħlu jibda dawk il-proċeduri, u ċjoe' li jagħmel kawża biex l-istat ta' fatt rikonoxxut minn missieru jiġi reġistrat fiċ-ċertifikati personali tal-istatus tiegħu, Il-Qorti tagħmilha ċara li għalkemm din il-kwistjoni *ut sic* ma qamitx f'din il-kawża, jidhrilha li meta r-rikorrenti mhux talli għandu kawża disponibbli skond ir-regoli ġenerali tad-dritt iżda addirittura din il-kawża hija ndikata mill-istess artikolu 92 tal-Kodiċi Ċivili, huwa ma għandux jadixxi din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha biex tagħtih rimedju meta dan ir-rimedju huwa ndikat ċar u tond fil-liġi (bl-Ingliż *spelt out*). Ma hemm ebda komplessita' fil-kawża li għandu jipproponi anzi hija kawża li saret minn nies oħra fil-pożizzjoni tiegħu, kif irrimarkaw l-intimati fir-risposta.

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jgħid li l-fatt li l-liġi tindikalu rimedju ma jfissirx li dan se jieħdu. Dan huwa minnu u għalhekk il-Qorti mhix se tagħlaqlu l-bieb tar-rimedju billi tiċħadlu t-talba, iżda billi teżerċita d-

diskrezzjoni tagħha billi tieqaf milli tkompli tisma' l-kawża u b'hekk, f'każ li r-rimedju li għandu skond il-liġi ma jkollux riżultat sodisfaċenti għalih, ikun jista' jerġa' jipproponi l-kawża odjerna. Il-Qorti jidhrilha li hija tista' tagħmel dan avolja ma kien hemm ebda talba ċara mill-intimati biex dan isir.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed teżerċita d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawża.**

**Spejjeż fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------